MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2008

Numru. 540/2007

Il-Pulizija
(Sp Alexandra Grech)
vs
Rhys Fiteni, iben Alfred, imwieled Pieta’ fl-24 ta’ marzu, 1986

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli fil-31 ta’ marzu, 2007 għal ħabta tas-6.30 p.m. waqt li kien fil-Ponta ta’ l-Isla:
1. ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u cioe’ offiża ta’ natura gravi fuq Anthony Delia skond ma ċċertifika Dr. Busuttil Dougall M.D. ta’ l-Isptar San Luqa;
2. talli fl-istess jum, lok, ħin u ċirkostanżi ħebb għal Anthony Delia sabiex jiġurjah, idejqu jew jagħmillu ħsara;

3. talli fl-istess jum, lok, ħin u ċirkostanżi qal fil-pubbliku xi kliem oxen jew indeċenti, jew għamel atti jew ġesti oxxeni talli fl-istess jum, lok, ħin u ċirkostanżi, jew b’xi mod ieħor li mhux provdut fil-Kodiċi Kriminali, offendew il-morali, l-imġieba xierqa jew id-deċenza pubblika;
4. talli fl-istess jum, lok, ħin u ċirkostanżi mbotta lill-imsemmi Anthony Delia sabiex iweġġgħu jew jinsulentah.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f’każ ta’ ħtija tipprovdi għas-sigurta’ ta’ Anthony Delia u il-familjari tiegħu u tapplika l-provvedimenti ta’ l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta’ mejju, 2008 fejn l-imputat obbliga ruħu li jħallas is-somma ta’ tlett mija u ħamsin euro (€350) lil Anthnoy Delia. Din is-somma ġiet imħallsa effettivament.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta’ mejju, 2008 fejn Anthony Delia rrinunzja għal dak kollu li hu rinunzjabbli u ma għandhux aktar interess fil-kawża.

Semget lill-prosekuzzjoniu lill-avukat ta’ l-imputat.

Għaldaqstant, tiddikjara l-proċediment eżawrit dwar it-tieni, it-tielet u ir-raba’ akkuża miġjuba kontra tiegħu. Issib lill-imputat ħati tal-ewwel akkuża miġjuba kontra tiegħu iżda li kkawża ferita ta’ natura ħafifa fil-konfront ta’ Anthony Delia. Rat l-artikolu 221(1) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta bla kondizzjoni. Fiċ-ċirkostanżi mhemmx lok għall-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------